Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Data tal-laqgħa: 21 ta' Mejju 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fit-8.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-8.13am.

## 24.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

24.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier ONDG informa li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

**Is-Sindku ippropona li tiġi sospiża l-Agenda u tiġi diskussa *item* 24.6 peress li l-*accountant* tal-Kunsill kien preżenti għal din il-parti tal-laqgħa. Il-Kunsill unanimament approva.**

## 24.6 Aġġustamenti proposti mill-Awdituri tal-Gvern għar-Rapport Finanzjarju għas-sena 2025

24.6.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2025 kif emendat wara li sar l-*audit*. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta spjegazzjoni fuq l-aġġustamenti li ġew proposti mill-Awdituri.

24.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 23. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

24.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku EG, il-minuti ġew approvati.

## 24.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

24.3.1 Para 23.3.2 - Talba biex issir mera fi Triq il-Papa Alessandru VII biex jaraw huma u ħerġin mill-garaxx
Is-SE infurmat li ktibna lill-amministratur, fejn ġie infurmat biex iwaħħal il-mera. Jekk s'għada ma jkollniex risposta, nibgħatu *reminder*.

24.3.2 Para 23.3.3 - Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-SE wriet ritratt ta' tip ta' *fencing* tal-injam li jista' jsir madwar il-konok. Il-Kunsill approva. Se jiġi ordnat il-materjal.

24.3.3 Para 23.3.4 - *Telephone Box* fi Pjazza Bertu Fenech
Is-SE infurmat li għad irid jiġi ordnat l-ixkaffar. Is-SE infurmat li m'hemmx ma fejn jitpoġġa katnazz biex għalissa tissakkar. Il-Kunsillier MLB issuġġeriet li jitwaħħlu *d-rings* biex tkun tista' tissakkar b'katnazz.

24.3.4 Para 23.4.1 - *European Week of Regions*
Is-Sindku informa li ser jattendi l-Viċi Sindku EG.

24.3.5 Para 23.9.2 - *Stormwater Culvert* f'Wied Ħal Balzan
Is-Sindku informa li ma rċevejna l-ebda risposta minn IM. Ġie deċiż li jsir kuntatt mal-avukat tal-Kunsill sabiex jiġi vverifikat jekk il-Kunsill għandux id-dritt iwettaq ix-xogħol hu stess u jitlob lura l-ispejjeż mingħand IM.

24.3.6 Para 23.11.5 - Talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja - Benrikville
Is-SE infurmat li l-iżviluppatur aċċetta li jagħti kumpens ta' €4,000 u għalhekk il-garanzija ġiet rilaxxata.

## 24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

24.4.1.1 *Bus Stop* ta' fejn l-istatwa ta' Santa Marija fi Triq il-Kbira

Is-Sindku irrefera għal kwistjoni li tressqet il-bus stop ta' Triq il-Kbira għal quddiem l-istatwa ta' Santa Marija mingħajr mal-Kunsill kien infurmat jew ikkonsultat.

24.4.1.2 Is-Sindku qal li ġie kkuntattjat mid-Direttur tal-*Land Transport Directorate*, li skuża ruħu dwar is-sitwazzjoni u wera disponibbiltà li jiddiskuti post alternattiv mal-Kunsill. Ġie spjegat li l-*bus stop* ġiet iċċaqlaq minħabba xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq il-post fejn kienet oriġinarjament, li ser jiġi żviluppat f'residenza, u minħabba li n-nies kienu qed jistennew fuq il-parapett tal-proprjetà.

24.4.1.3 Il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni u sostna li l-*bus stop* għandha tibqa' fil-post oriġinali tagħha. Ġie rrimarkat li din ilha f'dan il-post għal ħafna snin u ma hemmx raġuni valida biex tiġi rilokata, speċjalment quddiem l-istatwa ta' Santa Marija. Bħala soluzzjoni, il-Kunsill lestili jinstalla bank żgħir ħdejn il-*bus stop* sabiex il-passiġġieri jkollhom fejn joqogħdu waqt li jistennew il-karozza tal-linja. Ġie ssuġġerit ukoll li r-resident ikkonċernat jista' jinstalla xi tip ta' railing fuq iċ-ċint biex jiġi evitat li persuni jpoġġu fuq il-parapett.

24.4.2 <u>Festa 2026</u>
Apparti numru ta' talbiet li diġà ġew proċessati peress li huma bħas-snin preċedenti, qed jitressqu żewġ (2) talbiet ġodda:

- <u>Każin tal-Banda Filarmonika Marija Annunzjata</u>
Talba biex jitneħħa l-parkeġġ fi Triq Dun Spir Sammut mis-Sibt 11 ta' Lulju (filgħodu) sabiex jibdew il-preparamenti fuq l-i*scaffolding* u l-ispettaklu tal-karti li jittella' l-Ħadd fil-Pjazza. Ġie rrimarkat li fit-triq il-parkeġġ diġà huwa limitat ħafna, u aktar minn hekk peress li fi Triq Ġuże' Bonnici u fil-Pjazza diġà mhux se jkun possibbli li jsir parkeġġ minħabba l-attivitajiet relatati mal-festa. Apparti minn hekk, f'din it-triq hemm ukoll garaxx li jista' jiġi ostakolat l-aċċess tiegħu minħabba l-istruttura li ser titwaqqaf. Għalhekk, il-Kunsill qed jissuġġerixxi li l-preparamenti jsiru f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina.

- <u>Każin tal-Banda San Gabriel</u>
Talba biex tingħalaq Triq il-Kbira (minn fejn Skarpoli), mis-7.00pm tat-Tnejn 6 ta' Lulju sas-1.00pm tat-Tnejn 13 ta' Lulju minħabba l-Festa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Triq il-Kbira tingħalaq mis-6.30pm tat-Tlieta sas-1.00pm tat-Tnejn.

24.4.3 <u>Bust ta' Mons. Dun Ġwann Dimech</u>
Is-Sindku informa li l-iskultur lesta l-bust bit-tafal. Se ninfurmaw lill-Perit biex jibda l-proċess biex napplikaw għall-permess mal-PA.

**F'dan il-ħin (8.33am) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fit-8.38am.**

## 24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

24.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 24.7 Rapporti

24.7.1 <u>*Tender for Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan* – BLC 01/2026 - Aġġudikazzjoni</u>
Is-SE infurmat li l-kuntrattur (LBA Ltd) irrifjuta t-*tender* minħabba li għandu ammont kbir ta' xogħol. Din kienet l-unika offerta li ntefgħet għas-sejħa pubblika.

24.7.2 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni mingħand J&K Contractors Ltd li tammonta għal €8,329.98 (VAT eskluż). Wara diskussjoni, il-Kunsill approva li jintalab il-permess sabiex ix-xogħol inkwistjoni jitwettaq permezz ta' *Direct Order*, fid-dawl tal-fatt li dan ix-xogħol ilu jintalab mir-residenti u sabiex jiġi evitat dewmien ulterjuri li jista' jirriżulta minn sejħa oħra għall-offerti mingħajr ma jiġu sottomessi offerti.

## 24.8 Skemi Finanzjarji

24.8.1 Is-SE infurmat li m'hemmx Skemi ġodda x'jiġu diskussi.

## 24.9 *CCTVs* ġodda

24.9.1 Is-Sindku irrefera għal numru ta' ilmenti dwar is-*CCTV cameras* li qed jiġu installati f'numru ta' żoni f'Ħal Balzan. Is-Sindku informa li, għalissa, il-*cameras* se jibqgħu mitfija u li f'Ġunju se ssir diskussjoni dwar kif dawn se jitħaddmu, sabiex jinstab mod kif jaħdmu skont ix-xewqat tal-Kunsill mingħajr ma jiġi kkawżat inkonvenjent mhux xieraq.

24.9.2 Is-SE fakkret li huwa importanti li dan il-proġett jitlesta sal-aħħar ta' Ġunju sabiex jiġi evitat li jintilfu l-fondi miksuba permezz ta' Skema Finanzjarja.

## 24.10 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

24.10.1.1 <u>Tħassib dwar it-traffiku u s-sigurtà fi Triq Birbal waqt il-ħin tal-ġbir tal-istudenti mill-iskola</u>
Resident qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar problema kontinwa fi Triq Birbal relatata mal-vannijiet tat-trasport tal-iskola ta' San Alwiġi. Il-vannijiet qed jaslu qabel jinfetħu l-bibien tal-iskola u spiss jostakolaw garaxxijiet, parkeġġ tar-residenti u aċċessi privati. Dan qed joħloq konġestjoni fit-triq.

24.10.1.2 Ġie osservat li din il-kwistjoni kienet diġà ġiet diskussa mill-Kunsill f'okkażjonijiet preċedenti. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-fatt ta' din il-problema. Ġie maqbul li tintbagħat ittra lill-Kap tal-iskola sabiex ix-xufiera tal-vannijiet jiġu infurmati biex ma jaslux kmieni ħafna qabel jinfetħu l-bibien tal-iskola. U fil-każ li l-vannijiet jaslu qabel il-ħin tal-ftuħ, dawn għandhom jipparkjaw f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina u jistennew hemmhekk sakemm tiftaħ l-iskola.

24.10.2 <u>*Patching* fi Triq il-Kbira</u>
Il-Viċi Sindku EG talab biex qabel il-festa jerġa' jsir *patching* quddiem is-Sala Aurora. Il-Kunsill approva.

## 24.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 05/26, li tinkludi l-ammont ta' €161.31c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' April 2026.

24.11.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier MLB. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 24.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.12.1 Il-laqgħa ntemmet fid-8.49am.

24.12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju 2026 fil-5.00pm.

Konfermati, il-Ħamis 18 ta' Ġunju 2026.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |